# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum it-Tnejn, 5 ta' Diċembru, 2022

**Kawża Nru. 23**

**Rik. Nru. 42/2022 ISB**

**Patricia Calleja (K.I. 85562M)**

**Victoria Falzon (K.I. 613558M)**

**Simone Żammit (K.I. 218166M)**

**U**

**Monica Żammit (K.I. 53837M)**

**vs**

**The Paper Products Co Limited (C 384) u b'digriet tal-5 ta' Settembru 2022 is-soċjeta` J&S Limited ġiet awtorizzata tintervjeni fil-kawża *in statu et terminis***

**DIGRIET dwar talba mressqa mis-socjeta' intimata ghas-soprasessjoni ta' dawn il-proceduri pendenti l-ezitu tal-proceduri 75/2022ISB fl-ismijiet J&S Limited vs Monica Zammit et**

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors** promotur ta' **Patricia Calleja, Victoria Falzon, Simone Żammit u Monica Żammit**, intavolat fit-18 ta' April 2022, li permezz tiegħu huma talbu lil-Qorti sabiex:-

*i. Tiddikjara illi hemm ragunijiet bizzejjed sabiex is-socjeta' Paper Products Limited tigi xolta ai termini tal-Artikoli 214(2)(b)(iii) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*ii. Tordna illi s-socjeta' Paper Products tigi xolta u konsegwentament stralcjata minn din l-Onor. Qorti u dan ai termini tal-artikolu 214(2)(b)(iii) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*iii. Provvizorjament tappunta amministratur provvizorju ghal Paper Products u dan ai termini tal-artikolu 228 tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta a spejjes tal-intimati;*

*iv. Taghti dawk l-ordnijiet u kwalunkwe provvediment iehor opportun, inkluz dak sabiex jinhatar stralcarju ghall-stralc tas-socjeta' Paper Products.*

U dan wara l-premessi hemmek maghmula fir-rikors promotur.

Rat id-dokumenti ppreżentati mar-rikors (fol 8 sa fol 50).

Rat **id-digriet** tagħha tas-16 ta' Mejju 2022 fejn ir-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tas-6 ta' Lulju 2022 fid-9:30 a.m.

Rat in-nota tar-rikorrenti intavolata fis-17 ta' Ġunju 2022 (fol 55) li permezz tagħha fejn ippreżentaw żewġ dokumenti (Dok 1 u Dok 2, fol 57 sa fol 72).

Rat illi fl-udjenza tas-6 ta' Lulju 2022 dehret l-Avukat Jasmine Abela għar-rikorrenti u deher l-Avukat Thomas Bugeja għas-soċjeta` intimata li ta ruħu notifikat bl-avviż tas-smiegħ.

Rat in-nota tar-rikorrenti intavolata fit-18 ta' Lulju 2022 (fol 76) li permezz tagħha ppreżentaw affidavit ta' Monica Żammit (fol 77 sa fol 81).

Rat ir-**risposta** tas-soċjeta intimata **Paper Products Co. Limited** intavolata fit-22 ta' Lulju 2022 (fol 82), b'numru ta' dokumenti annessi.

Rat ir-**<u>rikors</u>** tas-soċjeta **J&S Limited** intavolat fit-8 t'Awwissu 2022 (fol 103) li permezz tiegħu talbet li tintervjeni bħala parti f'din il-kawża *in statu et terminis* a tenur tal-artikolu 960 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-digriet tagħha tas-17 ta' Awwissu 2022 (fol 105) li permezz tiegħu ordnat in-notifika tal-istess rikors b'ġimgħa għar-risposta.

Rat ir-risposta tar-rikorrenti intavolata fit-30 t'Awwissu 2022 (fol 106).

Rat id-digriet tagħha tal-5 ta' Settembru 2022 (fol 109) li permezz tiegħu laqgħet it-talba tas-soċjeta J&S Limited tat-8 t'Awwissu 2022 b'dan pero` illi s-soċjeta J&S Limited hekk intervenuta m'għandhiex tressaq eċċezzjonijiet iżda biss tagħmel sottomissjoniet skont il-liġi u l-ġurisprudenza.

Rat illi fl-udjenza tat-28 ta' Settembru 2022 id-difensuri tas-soċjeta` intimata u tas-soċjeta intervenuta fil-kawża irrilevaw illi din il-kawża u t-talbiet kollha tagħha għandhom jistennew l-eżitu tal-kawża Nru. 75/2022ISB, stante li l-mertu ta' <u>dik</u> il-kawża jimpinġi direttament fuq jekk ir-rikorrenti f'dan il-kawża fil-fatt kellhomx *locus standi* li jressqu l-proċeduri odjerni u kwindi din il-proċedura m'għandhiex timxi qabel dan il-fatt jiġi stabbilit b'mod definit, liema talba ġiet opposta mid-difensur tar-rikorrenti stante li l-posizzjoni tar-rikorrenti tirriżulta mill-provi dokumentali ppreżentati u l-mertu tal-eċċezzjonijiet għandu jiġi deċiż jekk xejn f'mertu ta' proċeduri separati.

Rat illi fl-udjenza tal-5 t'Ottubru 2022 il-partijiet trattaw it-talba għas-soprasessjoni u rat ukoll li bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet, il-kawża tħalliet għall-llum għall-provvediment dwar l-istess talba.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża u kif ukoll hadet nota tal-atti fil-process 75/2022ISB.

**Ikkunsidrat**:

Illi din l-azzjoni mressqa mir-rikorrenti tikkonsisti f'talba għax-xoljiment u l-istralċ tas-soċjeta intimata Paper Products Co Limted (C 384) ai termini tal-artikolu 214(2)(b)(iii) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta, li l-istess rikorrenti jikkontendu li huma azzjonisti tagħha.

Ir-rikorrenti jikkontendu li jeżistu l-elementi neċessarji skont il-liġi sabiex din il-Qorti tiddeċiedi li jeżistu raġunijiet gravi biżżejjed li jiġġustifikaw ix-xoljiment u konsegwentament l-istralċ tas-soċjeta intimata, u dana skont ir-raġunijiet elenkati minnhom fir-rikors promotur.

B'żieda ma dan, ir-rikorrenti talbu ukoll il-ħatra ta' amministratur provizorju ai termini tal-artikolu 228 tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat ulterjorment**:

Illi fir-risposta tagħha, is-soċjeta intimata, in linea preliminari, tikkontendi li r-rikorrenti Patricia Calleja, Victoria Falzon u Simone Zammit m'għandhomx l-interess ġuridiku sabiex ikunu jistgħu jipproċedu b'din il-kawża u dana stante li l-ishma li huma reġistrati f'isem l-istess tliet rikorrenti saru b'mod irregolari u b'konsegwenza ta' dan ġiet ippreżentatha kawża għar-rexissjoni tal-imsemmi kuntratt ta' donazzjonjoni u għar-rexissjoni tat-trasferiment konsegwenzjali tal-ishma lill-istess rikorrenti.

Tikkontendi li l-interess ġuridiku ta' Monica Zammit huwa wkoll mankanti u dan fir-rigward tal-ishma li hi qed tippretendi li għandha li kienu oriġinarjament miżmuma mid-defunt Norman Pace u fil-fatt l-kawża fuq imsemmija qiegħda wkoll tikkontesta t-trasferiment tal-ishma u l-pretensjonijiet tal-istess Monica Zammit.

Tikkontendi wkoll li s-soċjeta J&S Limited hija azzjonista oħra fis-soċjeta intimata u la darba din mhux inkluża fil-kawża odjerna, l-ġudizzju mhux integru u għalhekk jeħtieġ li tkun parti mill-kawża.

**Ikkunsidrat ulterjorment**:

B'dak illi ser tgħid u tiddeċiedi l-Qorti illum, ħadd ma għandu jaħseb jew jinterpreta din id-deċiżjoni bħala deċiżjoni tal-Qorti fil-mertu – imma trid titqies biss fil-kuntest tat-talba għas-soprasessjoni magħmulha mis-soċjeta` intimata u s-soċjeta` intervenuta fil-kawża fl-udjenza tat-28 ta' Settembru 2022 u dan in vista tal-kawża Nru 75/2022 ISB fl-ismijiet *J&S Limited vs Monica Zammit et.*

Il-Qorti rat l-atti tal-kawża Nru 75/2022 ISB fl-ismijiet *J&S Limited vs Monica Zammit et*.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi mit-**trattazzjoni** magħmula mill-partijiet, il-Qorti tislet is-segwenti:

Illi s-**soċjeta` intimata** tgħid li n-nies li ppoponew il-kawża odjerna hemm posizzjoni ċara li tqajjment fil-proċeduri intavolati minn J&S Limited li filfatt qatt ma setgħu jipproponu din il-kawża u dana stante li huma akkwistaw l-ishma tagħhom b'mod li kien imur kontra l-*premption provisions* li hemm kontenuti fl-artikoli t'assoċċjazzjoni tal-istess soċjeta`. B'hekk tikkontendi li jekk kemm -il darba din il-Qorti tibqa` tisma din il-kawża mingħajr ma tistenna l-eżitu tal-kawża Nru 75/2022 ISB fl-ismijiet *J&S Limited vs Monica Zammit et*. , allura jista` jgħati l-każ li l-Qorti tkun ordnat ix-xoljiment tas-soċjeta` intimata fuq talba ta' persuna u/jew persuni li ma kellhomx il-jedd li jagħmlu dik il-kawża u għalhekk il-kawża

odjerna m'għandhiex titkompla qabel ma tiġi deċiża b'mod definittiv il-kawża ċitata.

Illi r-**rikorrenti** minn naħa tagħhom jissottomettu li m'hemmx oġġezzjoni li ssir soprasessjoni fir-rigward tat-talba tal-likwidazzjoni tas-soċjeta` intimata iżda din l-oġġezzjoni tapplika biss fir-rigward tat-talba tal-amministratur proviżorju u dana stante n-natura urġenti tal-istess talba. Tikkontendi li Monica Zammit, waħda mir-rikorrenti, għandha *in her own right,* elf, sitt mija u erbgħin (1,640) sehem tat-tip ordinarju B li ma jiddependux fuq dak li qiegħed jiġi kkontestat fil-kawża fuq ċitata.

Jissottomettu li s-soprasessjoni huwa rimedju straordinarju li għandu jsir biss f'każ li ser jinħoloq preġudizzju lill-parti l-oħra. Jikkontendu li f'dan il-każ il-bżonn ta' amministratur proviżorju huwa ħafna aktar aċċennat minn kwalunkwe preġudizzju li jista` jinħoloq jekk kemm -il darba ma ssirx is-soprasessjoni.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Skont il-gurisprudenza, ikun hemm lok li s-soprasessjoni ta` kawza tkun akkordata meta l-provvediment ikun spedjenti (ara : Kollez Vol XXXIX.I.467 ; Appell Civili – "**Cassar vs Xuereb**" – 12 ta` Marzu 1973).

Il-fattur ta` spedjenza ma jistax ikun mera possibilita'.

B`referenza għall-każ odjern, sabiex l-ispedjenza tkun tissussisti, irid jintwera li d-deċiżjoni fil-kawża bir-referenza 75/2021 fl-ismijiet *J&S Limited vs Monica Zammit et.* tinfluwixxi "*a planta pedis*" fuq il-mertu tal-kawża odjerna.

Fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fil-5 ta` Ottubru 1981 fil-kawża "**Degaetano v. Galea et noe**", ingħad illi :-

> *"Is-soprasessjoni hemm lok ghaliha meta l-ezitu tal-kawza li tigi soprasseduta jkun jiddependi jew almenu jkun jista' jiddependi mill-ezitu ta' kawza oħra, u għalhekk ma jistax ikun hemm lok ghas-soprasessjoni jekk ma tezistix din id-dipendenza jew almenu l-potenzjalita` ta' din id-dipendenza".*

Tajjeb li jkun riaffermat illi s-soprasessjoni huwa rimedju straordinarju li għandu jiġi applikat biss jekk ikun neċessarju fl-interess tal-aħjar amministrazzjoni tal-gustizzja. [Kollez Vol XLI.I.507; u Qorti Kostituzzjonali – "**Cuschieri vs Onor Prim` Ministru**" – 12 ta` Awissu 1994).

Il-prinċipju ewlieni għandu jibqa` li kawża għandha tibda u tibqa` tinstema' b`heffa (mhux għaġla) sa ma tkun deċiża. Għalhekk soprasessjoni ta` kawża

għandu jitqies bħala miżura eċċezzjonali għaliex jiffrena l-andament normali ta' kif għandhom jipproċedu l-kawzi.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Il-kwistjoni li għandha quddiemha l-Qorti tikkonċerna talba għall-xoljiment u stralċ minn azzjonisti tal-istess soċjeta. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għall-artikolu **218 tal-Kap 386** li jgħid testwalment hekk:

> *218.(1) Talba lill-qorti (aktar 'il quddiem imsejħa "rikors għalstralċ") għal*
>
> *(a) stralċ ta' kumpanija mill-qorti skont l-artikolu 214(1)(a);*
>
> *(b) xoljiment u stralċ ta' kumpanija mill-qorti skont l-artikolu 214(2)(a); jew*
>
> *(ċ) xoljiment u stralċ ta' kumpanija skont l-artikolu 214(2)(b),għandha ssir b'rikors li jista' jsir jew mill-kumpanija wara deċiżjoni tal-laqgħa ġenerali jew mill-bord tad-diretturi tagħha jew minn xi detentur ta' obbligazzjoni, kreditur jew kredituri, jew minn xi kontributorju jew kontributorji:*
>
> *Iżda rikors skont il-paragrafi (b) jew (ċ) jista' wkoll isir minn xi* ***azzjonist*** *jew direttur tal-kumpanija.*

Fl-istess waqt, il-Qorti għandha wkoll quddiemha l-proċeduri bin-numru 75/2022ISB fl-ismijiet *J&S Limited vs Monica Zammit et* li l-mertu tagħha jikkonċerna jekk ir-rikorrenti fil-kawża odjerna akkwistawx l-ishma tagħhom fis-soċjeta` intimata The Paper Products Co. Limited b'mod leġittimu jew le, bil-konsegwenza li jista` jkun il-każ li l-Qorti tista` tasal għall-konklużżjoni li l-akkwist huwa wieħed invalidu u għalhekk ir-rikorrenti Victoria Falzon, Patricia Calleja u Simone Zammit ma jkunux azzjonisti tal-istess kumpanija u għalhekk ma jkunux jistgħu jintavolaw il-proċeduri odjerni.

Iżda jirriżulta li għalkemm il-kawża ċitata tikkonċerna wkoll akkwist t'ishma minn Monica Zammit, jidher ċar mir-rikors promotur tal-kawża ċitata kif ukoll mid-dokumenti esebiti mal-istess rikors promotur, li qabel Jannar 2017, u ċioe` qabel ma saru t-trasferimenti tal-ishma li huwa l-mertu tal-istess kawża, Monica Zammit diġa` kellha elf, sitt mija u erbgħin (1,640) sehem ordinarju li jappartjenu lilha mis-soċjeta` intimata The Paper Products Company Limited. B'hekk m'hemm l-ebda dubju f'moħħ il-Qorti li Monica Zammit hija azzjonista tas-soċjeta` intimata u m'hemm xejn li jostakola lill-istess rikorrenti Monica Zammit sabiex tipproċedi bl-azzjoni odjerna.

B'dan illi, il-Qorti tosserva li jidher ampjament ċar mit-trattazzjoni tal-partijiet li l-istess partijiet jaqblu li jkun ta' benefiċċju u ta' iktar kjarezza għall-partijiet kollha jekk kemm -il darba ikun hemm soprasessjoni għat-talba prinċipali tar-rikorrenti u ċioe t-talba għax-xoljiment u l-istralċ tas-soċjeta intimata. Il-Qorti tagħraf ukoll l-possibilita` li l-eżitu tal-kawża ċitata jista` jwassal li tispiċċa għal kollox t-talba għax-xoljiment u l-istralċ hekk kif dedotta.

Minkejja dan, la darba din il-Qorti tagħraf li m'hemmx dubju li waħda mir-rikorrenti hija azzjonista leġittima tas-soċjeta` intimata, jeħtieġ li din il-Qorti tqis it-talba tagħha għall-ħatra t'amminstratur proviżorju u dana stante li l-Qorti tapprezza li jista` jkun il-każ li n-nuqqas ta' ħatra t'amminsitratur proviżorju jkun ta' preġudizzju serju għall-istess azzjonista. B'dan illi l-Qorti tagħmilha ċara li bl-ebda mod mhi tgħid u bl-ebda mod m'għandu jiġi interpretat li qiegħda tesprimi ruha fuq it-tielet talba tar-rikorrenti. Qiegħed biss jingħad li l-Qorti jeħtieġ li tqis l-istess tielet talba u tiddeċiedi dwarha separatament.

B'hekk din il-Qorti, wara li qieset l-mertu tal-kawza bin-numru 75/2022ISB fl-ismijiet *J&S Limited vs Monica Zammit et*, il-mertu tal-kawża odjerna, min huma l-partijiet u in-nuqqas t'oppożizzjoni da parti tar-rikorrenti għas-soprasessjoni tas-smigħ fir-rigward ta' l-**ewwel**, it-**tieni** u r-**raba**` talbiet kif kontenuti fir-rikors promotur, il-qorti tara li għandha tuża d-diskrezzjoni tagħha u takkorda s-soprasessjoni ta` din il-kawża fir-rigward tal-istess talbiet msemmija, għax ssib li l-mertu tal-kawza odjerna jista` jkollu effett li joħloq preġudizzju serju lis-soċjeta` intimata u lis-soċjeta` intervenuta fil-kawża jekk kemm -il darba ma tiġix l-ewwel konkluża l-kawża ċitata.

B'dan pero` illi l-Qorti ser tkun qed tisma`, tqis u tiddeċiedi dwar it-**tielet** talba tar-rikorrenti anke billi taghti sentenza in parte fir-rigward, u ċioe` dwar il-ħatra tal-amministratur proviżorju indipendentament mill-proceduri 75/2022ISB kif hawn fuq spjegat.

It-talba ghal hatra ta' amministratur provvizorju qed issir ai termini tal-Artikolu 228 tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta, li ighis espressament hekk:

> *228. (1) Il-qorti tista' b'ordni taħtar amministratur provviżorju*
>
> *f'kull żmien wara li jkun ġie ppreżentat rikors għal stralċ u qabel*
>
> *ma tagħmel ordni għal stralċ, u jista'jkun maħtur jew l-uffiċjal*
>
> *riċevitur jew xi persuna oħra kompetenti.*
>
> *(2) L-amministratur provviżorju għandu jaqdi dawk il-funzjonijiet*
>
> *u setgħat dwar l-amministrazzjoni dwar l-estate jew in-negozju*
>
> *tal-kumpanija kif il-qorti tista' tispeċifika fl-ordni li jaħtru.*
>
> *(3) L-amministratur provviżorju jibqa'jżomm dik il-kariga sa*

*dak iż-żmien li jsir ordni għal stralċ jew ir-rikors għal stralċ ikun miċħud sakemm ma jirriżenjax qabel dak iż-żmien jew ma jitneħħiex mill-qorti jekk tintwera raġuni xierqa.*

Huwa fil-kuntest ta' dan il-provvediment kif jinsab fil-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta illi trid tigi determinata it-tielet talba, u dan wara illi l-Qorti tisma' l-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet fir-rigward. Huwa f'dan il-kuntest illi l-partijiet sejrin ikunu mistiedna mill-Qorti sabiex jirregolaw ruhom u jassikura illi jitressqu provi biss relatati ghal din it-talba.

**<u>Decide</u>**

**GĦALDAQSTANT**, għar-raġunijiet fuq premessi il-Qorti qiegħda:

1. **Tilqa` parzjalment it-talba tas-soċjeta intimata u tas-soċjeta` intervenuta fil-kawża għas-soprasessjoni tal-proċeduri odjerna fir-rigward tal-ewwel, t-tieni u r-raba` talbiet rikorrenti, kif dedotti fir-rikors promotur u dana sakemm tkun deċiża definittivament il-kawża bir-referenza 75/2022 ISB fl-ismijiet *J&S Limited vs Monica Zammit et.***

2. **Tiċħad parzjalment it-talba tas-soċjeta` intimata u tas-soċjeta` intervenuta fil-kawża għas-soprasessjoni tal-proċeduri odjerna fir-rigward tat-tielet talba rikorrenti, kif dedotta fir-rikors promotur, u tordna l-prosegwiment tal-kawża <u>biss</u>, f'dan l-istadju, f'dan ir-rigward.**

Spejjes relatati ghal dan id-digriet rizervati ghas-sentenza finali.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imħallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**